## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 131/2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**Annabelle Grech**

**David Hubert Grech**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati Annabelle Grech, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 301375M u Hubert David Grech detentur tal-karta tal-identita' Maltija 392473M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-perjodu ta' bejn it-2 ta' Mejju 2017

u s-6 ta’ Gunju 20219 f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi jew dispozizzjonijiet relatati tal-ligi, maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Bil-hsieb li jaghmlu hsara lil Sylvana Brannon (K.I. 100471M) akkuzawha b'reat quddiem awtorita kompetenti u cioe' (1) Social Worker mahtura bhala espert tal-Qorti, kif ukoll (ii) permezz ta' telefonata lill-ufficiali tal-Agenzija Appogg "on call", b'reat filwaqt li kienu jafu li l-imsemmijaSylvana Brannon kienet innocenti, u dan meta l-akkuza falza kienet ta' delitt suggett ghall-piena ta' aktar minn sentejn prigunerija;

2. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, fi proceduri civili, wettqu attentat billi ppruvaw jikkorrompu lil Andreana Gellel, li hija xhud u persuna nominata mill-Qorti bhala espert gudizzjarju fil-kawza Civili, sabiex taghti xhieda falza u qarrieqa quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal Familja);

3. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, fi proceduri civili, wettqu attentat billi ppruvaw iggieghlu lil Andreana Gellel, Social Worker mal Agenzija Appogg, timmodifika r-rapport imhejji minnha u pprezentat fil-Qorti qabel ma taghti x-xhieda taghha f'dawk il-proceduri Civili u dan billi geghlu lill-imsemmija Gellel temmen li t-tfal ta' l-imsemmija Sylvana Brannon gew rezi suwicidjali b'rizultat tar-rapport imhejji minnha ghall-Qorti;

4. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, fi proceduri civili, bil-qerq, holqu jew geghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra l imsemmija Sylvana Brannon billi geghlu lil Andreana Gellel, xhud u espert tal-Qorti, temmen li t-tfal tal-imsemmija Sylcana Brannon saru suwicidali b’rizultat tal-

imgieba taghha u dan bil-hsieb li b'hekk dik il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

5. U aktar tall fl-istess zminijiet u lok, fi proceduri civili, ma hallewx lix xhud u espert gudizzjarja Andreana Gellel taghti t-taghrif jew provi mehtiega fi proceduri civili in konnessjoni mal-kariga taghha;

6. U aktar talli fl-istess zminijiet u lok, ingurjaw u ghamlu uzu ta' sistemi jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih gie provdut, jew xort'ohra naqsu milli josservaw dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamlu uzu minnu mhux sew mill-imsemmi apparat b'telefonati jew messaggi;

7. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi ingurjaw lil imsemmija Sylvana Brannon permezz ta' diskors mahsub biex ihammgilha gieha, joffendiha u jtellef ir-reputazzjoni u d-dinjita' taghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' 12 ta' Novembru 2020, fejn ghal dawn il-motivi, ma sabitx liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha li gew migjuba fil-konfront taghhom u ghalhekk illiberathom minn kull imputazzjoni u htija.

Rat ir-rikors t'appell tal-parte civile Sylvana Brannon prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24ta' Novembru, 2020 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti **tirrevoka u thassar** is-sentenza appallata u ssib lill-imputati hatja skond il-ligi**,** u

**alternattivament** tordna s-smigh tal-kawza mill-gdid quddiem Magistrat iehor;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-parte civile u lid-difensur tal-appellati;

Ikkunsidrat:

1. Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni ta' natura preliminari mressqa mill-appellati Annabelle Grech u David Hubert Grech kif registrata fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2021 bil-mod segwenti:

> **Dr. Alfred Abela u Dr. Albert Zerafa ghall-appellati fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz jecepixxu n-nullita' tar-rikors tal-appell stante li l-parti civile ma kellha ebda dritt tintavola dan ir-rikors u mill-atti processwali ma jirrizulta ebda verbal da parti tal-parti civile li talab ghal xi xhud jew prova partikolari li giet michud mill-Ewwel Onorabbli Qorti;**

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz limitati ghall-aspett procedurali huma li Annabelle Grech u David Hubert Grech tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-imputazzjonijiet kif riprodotti *supra.* B'sentenza ta' dik l-istess Qorti, l-imputati kienu liberati stante li ma nstabitx htija fil-konfront taghhom. Permezz ta' nota introdotta fir-registru tal-Qorti ta' Gursidizzjoni Kriminali, l-Kummissarju tal-Pulizija

gharraf lill-dik il-Qorti li kien fi hsiebu jappella s-sentenza u ghalhekk talab lill-ewwel Qorti tibghat kopja tas-sentenza flimkien mal-atti processwali lill-Avukat Generali. Fl-istess jum, permezz ta' nota ohra, din id-darba tal-parti civile, l-istess Qorti kienet infurmata mill-parti civile li kienet fi hsiebha tappella s-sentenza u ghalhekk ukoll talbet li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali skond l-artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali. Fl-24 ta' Novembru, 2020, l-parti civile prezentat rikors ta' appell fir-registru ta' din il-Qorti u fit-3 ta' Dicembru, 2020 l-Avukat Generali baghat l-atti processwali lura lill-Qorti tal-Magistrati bid-dikjarazzjoni "No Appeal";

3. Il-kwistjoni hawn devoluta hija wahda u cioe' jekk il-parte civile f'din il-procedura partikolari ghandhiex id-dritt ta' appell li tghid li ghandha meta tinvoka l-artikolu 413 (1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali.

4. L-artikolu 413 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar min jista' jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u s-subartikolu (1) tieghu dejjem kien meqjus li jitkellem car meta jaghti dan id-dritt f'kull kaz lill-persuna misjuba hatja, lill-Avukat Generali fil-kazijiet imsemmija fis-subartikolu (1)(b), lill-<u>kwerelant</u> fil-kazijiet msemmija fl-artikolu 373 u lill-Avukat Generali fil-kazijiet l-ohra kollha. Kif kostantement deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali, jipprexxendi minn dan illi d-dritt t'appell tal-kwerelant huwa konfinat biss ghal-dawk ir-reati: a) li jkunu ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ravvizati fl-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali flimkien mal-artikolu 371; (b) prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti offiza; u c) li l-prosekuzzjoni titmexxa mill-

offiz skond kif provdut fl-artikolu 374. Tajjeb li ssir referenza ghas-sentenzi Il-Pulizija vs Alfred Vella App Krim 157/99 tal-24 ta' Frar, 2000, Il-Pulizija vs Joseph Bugeja App Krim 439/2007 tal-25 ta' Jannar, 2008 u Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard App Krim 356/2009 tal-21 ta' Jannar 2011 dwar liema sentenzi din il-Qorti tabbraccja dak fihom enuncjat;

5. Issa, fil-kaz odjern, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet ma hi soggetta ghall-kwerela tal-parti offiza bhala kundizzjoni hlief ghall-ahhar imputazzjoni ta' natura kontravvenzjonali. La darba wahda mill-imputazzjonijiet, jigifieri t-tielet wahda tezorbita mill-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati, kien jehtieg il-kunsens tal-Avukat Generali ghall-prosegwiment tal-kawza kif fil-fatt sar. Dan ifisser illi d-dritt ta' appell tal-parti civile huwa kolpit b'diversi ostakoli, jigifieri dik tal-kompetenza originali jew ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati u dik li r-reati ma humiex soggetti *sine qua non* ghall-kwerela tal-offiz ghat-tmexxija taghhom. Oltre dan, il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija Ezekuttiva u mhux mill-parti offiza u s-sentenza inghatat fl-ismijiet Il-Pulizija bhala prosekuzzjoni kontra l-imputati u mhux fl-ismijiet il-parti offiza kontra l-imputati. Kif deciz fl-appell Alfred Vella citat *supra*, il-fatt li l-parti leza tkun ikkostitwiet ruhha bhala parti civili fit-termini tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali ma jfissirx li ghandha dritt ta' appell fi proceduri kriminali;

6. Illi ghalhekk huwa manifest illi l-unici persuni li setghu jappellaw mis-sentenza kontra Annabelle Grech u Hubert David Grech kienu dawn tal-ahhar u l-Avukat Generali.

7. Ghalkemm l-appellanta tghid illi is-subinciz (1) (b) (vi) tal-artikolu 413 huwa mfassal ghall-kwistjoni minnha mqanqla jehtieg li qabel xejn jkun sorvolat l-ostakolu, ossia, ostakoli, msemmija supra liema ostakolu izda ma huwiex superat;

8. Il-parti civile tressaq ukoll l-argument illi ma huwiex xieraq li d-dritt tal-appell jiddependi mir-rieda ta' haddiehor, f'dan il-kaz tal-Avukat Generali. Jibqa' l-fatt izda, illi din il-Qorti hi marbuta li timxi ma' dak li tipprovdi l-Kodici Kriminali u ma tistax *marte proprio* taghti drittijiet li huma espressament vjetati mil-ligi.

9. Ghal dawn ir-ragunijiet qed tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-appellati u konsegwentement tiddikjara r-rikors tal-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu li bih interponiet l-appell odjern.